# Il-Ħuttafa

## *Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf*

**fis-satra tal-lejl!**




**paletta**

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 60

Jannar - Frar 2004



# x'għandna?


editorjal 2
aħbarijiet 3
x'għandna mid-dinja? 4
il-vjolin tax-xitwa 5
attività 6
gallerija 6
kreaturi mill-ħrejjef Griegi 6
kompetizzjoni 60 7
ċinema - ħut ta' veru 7
ittra 7
FALKO 8
Terremoti 9
djarju berdwoċer 10
sittsaqajn 10
ittri 10
mur aqbad ktieb 11
daħħal membru 11
Ribena Competition 12


xifak

## editorjal

# Ħbieb Ħuttafa

Ftit ilu wieħed tifel staqsieni fuq il-kamalejonti, u wara li domt kwarta ngħidlu fuq kemm huwa annimal ġwejjed u kalm, it-tifel berraq għajnejh u qalli: Iss ħej, imma jigdem!"

Għedtlu bil-paċenzja: "U ejja! Jaħasra lanqas snien m'għandu l-kamalejonti. Mur ara kemm jista' jigdem."

Imma baqa' jinsisti: Iva, darba kelli wieħed, u kien gidimni!"



Victor Falzon

Ħbieb naturalisti, l-annimali ma jiħdux pjaċir meta aħna noqogħdu niġbruhom, anke jekk biss "biex narawhom", speċjalment jekk dawn ma jkunux pets tagħna imma annimali tal-kampanja. Ftakru li l-annimali tal-kampanja Maltija huma kollha żgħar ħafna ħdejna. Għalhekk kif jarawna jibżgħu minna, aħseb u ara jekk naqbduhom. U għalhekk jippruvaw jiddefendu lilhom infushom.

Ħeqq, u ma tistax tagħtihom tort hux! Wara kollox ma jafux li aħna membri tal BirdLife u ma jafux li m'aħniex ser naħqruhom. Għalihom aħna ġganti kbar u storbjużi.

Meta naraw annimali fil-kampanja jew fil-ġnien, għandna l-iktar l-iktar nersqu viċin bil-mod biex narawhom bla ma mmissuhom, u forsi biex niħdulhom ritratt.

U jekk ikun kamalejonti, jaf joħorġilna lsienu wkoll!!!

**Victor Falzon** editur

Ray Galea



Il-**paletta** hija tajra kbira bajda tax-xtut u l-għadajjar. Dak il-munqar tal-ġenn huwa r-raġuni għaliex għandha isem stramb. F'Malta hija tajra skarsa, u rari iktar li tieqaf, għax ma tantx hawn ambjent għaliha, u għax ma tantx jagħtuha ċans il-kaċċaturi (ara paġna 3)!


## kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **paletta** - ritratt ta' Ray Galea
Stampat: Poulton's Print Shop, Frar 2004


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Ma ħamluhomx ħajjin!



Denis Cachia

It-tliet paletti ta' l-Għadira - qabel ma nqatlu!

Tliet **paletti** (European spoonbills - *Platalea leucorodia*) l-ġmiel tagħhom niżlu jistrieħu ftit fir-riserva ta' l-Għadira. Ma taw fastidju lil ħadd, anzi paxxew l-għajnejn ta' kull min kellu xorti jarahom...

Imma kien hemm min ried jagħti fastidju lilhom! Il-aħwa kienx hemm!

Il-paletti niżlu l-Ħadd filgħodu (4 Jannar 2004) - sa dakinhar stess filgħaxija kien diġà hemm partita kaċċaturi jħufu u jixxenqu għalihom kemm minn wara r-riserva u anke bl-ispidbowts fuq il-baħar!

Fil-fatt il-Ħadd stess il-paletti taru u marru jduru dawra fuq il-baħar. Il-berdwoċers li kien hemm fir-riserva qalbhom għamlet tikk! U fil-fatt meta t-tajr ġew lura, minn tlieta kienu saru tnejn! Sadattant il-BirdLife infurmat lill-pulizija, li niżlu jagħmlu ftit rondi madwar ir-riserva.

Sat-Tlieta l-aħbar taż-żewġ paletti kienet infirxet sew, u l-BirdLife bdiet tibża' li xi kaċċatur gwapp jidħol għalihom, kif ġara kemm-il darba fil-passat. Għalhekk għedna wkoll lit-televixin u lill-gazzetti, ħalli dawn it-tajriet isiru popolari u forsi bl-attenzjoni tal-media ħadd ma jazzarda jmisshom.Imma f'wiċċna baqa'!




Victor Falzon

Is-Sibt filgħodu l-gwardjan sab ftit rix abjad imċappas bid-demm, u ħafna ħsarat fir-rixtellu u fid-dwal tar-riserva. Xi ħadd kien daħal għalihom bil-lejl, sparalhom, qatilhom u ħadhom.

Imsieken il-paletti! Bħalissa qegħdin fil-friża ta' xi kaċċatur bla qalb, biex jibbalzmahom u jagħmilhom statwi ċassi b'għajnejn tal-ħġieġ!

Mhux ta' b'xejn il-BirdLife hija maħlufa kontra l-kaċċa! U jalla kulħadd ikun hekk xi darba!

# Għasfur ġdid!



Charles Gauci

Dan t'hawn fuq huwa **Rożinjol tas-Siberja** (Siberian Rubythroat - *Luscinia calliope*), għasfur ġdid għal-lista ta' l-għasafar ta' Malta. Fir-ritratt qed tarawh fl-idejn għax inqabad (25 Jannar 2004) minn ringer tal-BirdLife, li ħadlu r-ritratt ftit qabel ma reġa' telqu. Kif juri ismu, dan l-għasfur is-soltu jinsab fil-wesgħat enormi tas-Siberja, li min jaf hemmhekk x'kesħa u x'ġelu qed tagħmel bħalissa!

# Jiksru r-rekord!

Fis-17 Jannar 2004 grupp ta' berdwoċers tal-BirdLife iltaqgħu l-Belt Valletta biex jagħmlu dik li tissejjaħ ROOST COUNT. Roost huwa post fejn l-għasafar jinġabru biex jorqdu fi grupp kbir. Fil-pjazza ta' l-Assedju fil-belt, hemm 10 siġriet tal-fikus li fihom kull xitwa jinġabru biex jorqdu ħafna zizka bojod. Din hija l-ikbar roost ta' zizka li nafu biha f'pajjiżna, u l-BirdLife ilha torganizza dawn il-counts għal diversi snin.

Dis-sena kien numru rekord! F'temp ta' siegħa l-ħbieb tagħna għoddew mhux inqas minn **4324 zakak abjad** deħlin sparati lejn il-pjazza. Ir-rekord ta' qabel kien ta' 3655 fis-sena 1990.

Il-berdwoċers li ħadu sehem kienu Edward Bonavia, Denis Cachia (organiser),André Callus, Oliver Cardona, Justin Caruana, Raymond Caruana, Kenneth Cassar, Nicholas Galea, Raymond Galea, Ian Mifsud, Michael Sammut, Simon Sultana u Justin Vassallo




Hajr Landmark Cartography



## Żring ġdid, żring antik!

Fl-għojiet tal-punent ta' l-Indja nstabet speċi ġdida ta' żring. Għandu dehra stramba mhux biss għax imbaċċaċ u ta' lewn vjola, imma għax wiċċu ġej għall-ponta qisu bl-imnieħer! Interessanti wkoll għax l-isudjużi jaħsbu li dan l-annimal juri kif kienu l-ewwel żrinġijiet xi 130 miljun sena ilu. Semmewh *Nasikabatrachus* li tfisser "żring bl-imnieħer"!




## Foresti għall-mannara!

It-Tongass National Forest fl-Alaska ħa taqla' d-daqqa tal-mannara, għax minnha ħa tinqered medda ta' 1200km$^2$ (xi 5 darbiet daqs il-Gżejjer Maltin!) Fl-iStati Uniti kellhom liġi li ma tħallikx taqta' siġar minn foresti jekk m'hemmx toroq għaddejjin minnhom. Imma l-PresidentAmerikan Bush ftit jimpurtah mill-ambjent, u ħa jħallihom jifthu toroq ġodda biex kumpaniji jidħlu bl-inġenji kbar u jaqtgħu miljuni ta'siġar. Prosit għalina!





Victor Falzon

## Ċikkulata għall-ambjent!

Cadbury, id-ditta famuża taċ-ċikkulata, se tibda tqartas xi prodotti minn tagħha f'materjal speċjali. Dal-materjal mad-daqqa t'għajn taħsbu plastik normali, imma fil-fatt huwa materjal speċjali li jekk jitpoġġa fl-ilma jinħall bla ebda effett fuq l-ambjent. B'hekk Cadbury qed jgħinu biex jonqos xi ftit mill-iskart.

Jalla kumpaniji jieħdu eżempju u jagħmlu l-istess.

## Ftehim fallut?

Ftit tas-snin ilu fi Kyoto (Ġappun) sar ftehim biex jitnaqqas sew it-tniġġis ta' l-arja. Biex dan il-ftehim jaħdem għandu bżonn il-firma ta' min qed iniġġes l-iktar, fosthom l-iStati Uniti, ir-Russja u l-Unjoni Ewropea. L-UE qablet ħafna ma' dal-ftehim, imma l-iStati Uniti assolutament ma tridx, anzi qed tipprova tgerrex pajjiżi oħrajn (bħall-Kanada) milli jonoraw dan il-ftehim. U issa r-Russja wkoll qed tibda taħsibha, u għalhekk hemm ċans kbir li l-ftehim ifalli għal kollox. X'ħasra tkun dik!





## Trakk mgħobbi mistħija!

Ftit ilu l-pulizija tad-dwana Ċiniża waqqfu trakk li kien nieżel mill-muntanji tat-Tibet. Għamlulu tfittxija u sabu fih 32 ġild tat-tigra, 579 ġild tal-leoparda u 665 ġild tal-lutra (otter). Dan huwa vandaliżmu kbir kontra n-natura. It-tigra biss biss qiegħda fil-periklu li tispiċċa mid-dinja. Imma l-kaċċaturi xorta jibqgħu joqtluhom, ħalli jbigħu l-ġild tagħhom biex isiru kowtijiet tal-fer u tapiti għas-sinjuri!

Fid-dinja baqa' biss ftit eluf ta' tigri, forsi 5000. X'mistħija li għad hawn min qed ikompli joqtolhom, u x'wiċċ tost min għadu jixtri kowtijiet tal-fer.

# il-vjolin tax-xitwa



Fost l-għasafar li jpassu mill-gżejjer Maltin insibu dawk li bil-Malti ngħidulhom vjolini. B'kollox f'pajjiżna s'issa dehru disa' speċi ta' vjolini, għalkemm ħamsa minnhom huma rari ħafna. Il-vjolini jidhru l-aktar fil-pases tar-rebbiegħa u tal-ħarifa, imma wieħed minnhom jgħaddi x-xitwa kollha magħna...

bl-ingliż **common chiffchaff**
xjentifiku ***Phylloscopus collybita***

Il-**vjolin tax-xitwa** ipassi lejna mill-Ewropa tan-Nord fil-ħarifa u jqatta' x-xitwa hawn, għalhekk jismu hekk! Għall-bidu ta' Marzu l-vjolini tax-xitwa jibdew ftit ftit jonqsu sakemm s' April jibqa' biss waħdiet.

Il-vjolin tax-xitwa, bħall-vjolini kollha, huwa żgħir ħafna u mislut. Żaqqu hi bajdanija u minn fuq hu ħadrani maħmuġ. Fuq għajnejh għandu żewġ strixxi, waħda skura u waħda ċara fuqha. Munqaru hu skur, kważi iswed. Importanti ngħidu li diversi speċi ta' vjolini jixxiebhu ħafna u trid l-esperjenza biex tagħrafhom. Imma fix-xitwa m'hemmx problema għax f'Malta jkollna speċi waħda biss - il-vjolin tax-xitwa! U mn'alla!!!

Waqt il-passa, il-vjolin tax-xitwa nistgħu nitfixkluh l-iktar mal-vjolin pastard, li però huwa iktar bajdani minn taħt u li spiss ikollu saqajh kannella (tal-vjolin tax-xitwa jkunu suwed). Għandhom ukoll għanja differenti ħafna.

Il-vjolin tax-xitwa ssibu f'diversi ambjenti imma l-iktar li jħobb huma postijiet bis-siġar u arbuxelli mferrxa. Il-ġonna publiċi u anke dawk tad-djar huma favoriti ma' dan l-għasfur. Iħobb ukoll postijiet bil-busbies u fi Frar u Marzu spiss ikun fuq il-fjuri tal-karfus il-ħmir, pjanta li tikber l-iktar mal-ġnub tal-widien niedja. Huwa għasfur attiv ħafna u dejjem jittajjar 'l hawn u 'l hinn, inaqqar insetti rqaq u dud.

Iħobb ukoll jixrob in-nektar tal-fjuri, li fil-kesħa tax-xitwa hu sors tajjeb ħafna ta' enerġija.

Il-vjolin tax-xitwa jgħanni regolarment, l-iktar f'xi ġurnata xemxija fi Frar u Marzu. Għandu għanja ħelwa ħafna li tixbah '*tsiff! tsaff! tsiff! tsaff!*' ripetuta ħafna drabi - mhux ta' b'xejn bl-ingliż jgħidulu chiffchaff! Kontu tafu li anke l-għasafar għandhom id-djaletti?! Hekk hu, jeżistu differenzi żgħar fl-għanjiet ta' vjolini tax-xitwa minn postijiet differenti.

Bħal għasafar oħra li jqattgħu x-xitwa magħna, il-vjolin tax-xitwa ġieli jirritorna fl-istess post sena wara sena, kultant anke fl-istess roqgħa żgħira ta' ġnien. Dan nafuh minn studji li l-BirdLife tagħmel permezz tar-ringing. Imma kif isib it-triq eżatt... għadu ħadd ma jaf!

*Mark Anthony Falzon*

ħajr Joe Sultana




Il-vjolin tax-xitwa ikun magħna l-iktar fix-xhur xitwin.




# imXi nimXu miXja...

Kull sentejn sirna nagħmlu mixja daqsxejn twila, eżattament 11km. Dil-mixja mhix sempliċi ħajk fil-kampanja, imma wkoll mixja li minnha nippruvaw niġbru ftit flus. Dawk il-flus imbagħad nonfquhom f'apparat li l-BirdLife tuża. Bħal meta xtrajna t-teleskopji għar-riservi naturali.

Dis-sena se nagħmlu mixja oħra u ġabra oħra, u did-darba bil-flus se nixtru trombi għall-Għadira. Kif jafu ħafna minnkom li ġew l-Għadira jew is-Simar ma' ta' l-iskola, dawn it-trombi tużawhom l-iktar intom it-tfal stess li żżuru r-riservi.

Biex tiġbru xi flus, użaw l-iSPONSORSHEET li qed nibagħtulkom ma' dil-Ħuttafa. Dik qiegħda biex fiha tniżżlu l-isem ta' min ikun takom xi ħaġa tal-flus u kemm ikun takom. Fuq wara ta' l-istess karta għandkom mappa tar-rotta.

**Kull min jiġi, anke jekk ma jiġborx ċenteżmu, diġà jieħu 10 punti fil-Ħuttafa tas-Sena. Imbagħad hemm rigali (u aktar punti) skond kemm tiġbru flus. Aktar dettalji fuq il-karta stess.**

Data: **Il-Ħadd 7 Marzu 2004**
Niltaqgħu: **Ir-Rabat ħdejn il-Villa Rumana** fit-**8.30am**
Nispiċċaw: **Fil-bajja tax-Xemxija**, għal xi **12.00**
Etajiet: **Kollha!** Ġibu ħbieb, aħwa u ġenituri. Kulħadd merħba bih, basta lest li jimxi.

Ġibu: l-**isponsorsheet** u forsi xi ħaġa żgħira x'tieklu. TITGĦABBEWX WISQ. Użaw basktijiet tad-dahar biex idejkom tkunu tistgħu tbandluhom fil-mixi!

gallerija



**fekruna**
francesca attard baldacchino
10



**tukan**
andy buttiġieġ
8



**astun aħmar**
fabian sant
12

**Komplu ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!**

Tinsewx isimkom, età u l-isem tat-tpinġija

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi



# Pegasus

Pegasus kien żiemel abjad u sabiħ ħafna. Imma kellu xi ħaġa differenti minn żwiemel oħra: kellu par ġwienaħ! Meta Perseus qata' ras il-Medusa, ħarġu żewġ kreaturi minn demmha - wieħed minn dawn il-kreaturi kien Pegasus!

Darba r-re Jobates bagħat liż-żagħżugħ Bellerofon biex joqtol mostru jismu Kimera. Fuq parir ta' Pollidus, Bellerofon raqad fit-Tempju ta' Atena, fejn f'ħolma Atena tatu brilja tad-deheb biex biha jaqbad lil Pegasus. Meta qam, mar fil-pront ifittex lil Pegasus, li sabu jixrob minn nixxiegħa. Wara ħafna sforzi irnexxielu jlibbes il-brilja liż-żiemel feroċi, li mill-ewwel ikkalma għax il-brilja kienet maġika. Bellerofon rikbu u flimkien sabu l-Kimera. Wara taqbida twila, il-Kimera għejjiet u Bellerofon nidfilha għonqha.

Wara dil-ġrajja, Pegasus tar fuq il-muntanja tad-Disa' Mużi, fejn b'sieqa ħaffer għajn ta' l-ilma ħelu, li ssemmiet Ħippokrene - in-nixxiegħa taż-żiemel!

Sean Caruana Webster

# Kompetizzjoni 60

Norman Chetcuti (il-Baħri)






Dawn huma bolli tal-friefet u baħrijiet li ħarġu fl-2002 (u forsi użajtu minnhom ukoll). Imma attenti, għalkemm is-sett tal-lemin jidher l-istess bħal tax-xellug, jekk tħarsu sew tibdew issibu differenzi żgħar. Mhux se ngħidulkom kemm hemm differenzi. Sibu kemm tifilħu u ibagħtu għiduhomlna. Min isib l-iktar jirbaħ **sett kartolini tan-natura**. Min irid jista' jiskenja l-istampa u jibgħat it-tweġibiet bl-imejl. Ċans għandkom sa 10 Marzu 2004! Ħudu gost, u tqattgħux il-magażin.




Ir-rebbieħa ta' Komp 59 hija LYNN SULTANA minn Ħaż-Żabbar. Prosit Lynn, il-kartolini daqt ikunu għandek.

# Ħut ta' vera...

Rajtuh **Finding Nemo**? Huwa film kartuns dwar l-avventuri ta' żewġ ħutiet waqt li jfittxu lit-tifel ta' wieħed minnhom. Kontu tafu li l-ħut li jidhru fil-film huma kollha speċi li jeżistu vera? Il-protagonisti Marlin u Nemo huma **clown fish**, u l-ħabiba tagħhom Dory hija ħuta jgħidulha **blue tang**. Idea tajba li kartuns fuq in-natura jużaw speċi li vera jeżistu, għax b'hekk nitgħallmu ħafna. Ma nafux però jekk hux veru li l-clown fish jinkwetaw ħafna, jew jekk il-blue tang għandhomx problemi ta' memorja!!! :-)






Il-**clown fish** *Amphiprion percula* hija ħuta żgħira tal-qiegħ li tgħix f'baħar tropikali. Dil-ħuta hija famuża għall-fatt li tgħix qalb is-swaba' velenużi ta' l-artikli (anemones) bla ma titniggeż!



Il-**blue tang** *Paracanthurus hepatus* hija ħuta tropikali li tgħix qalb l-iskollijiet tal-qroll. Tikber xi 30ċm u tiekol plankton (annimali u pjanti rqaq ħafna li jgħumu fl-ilma). Il-fins tal-blue tang għandhom xewk velenuż.

## Min hu li joqtol?

**Għażiż Editur,**

**Jien nixtieq li l-kaċċaturi jieqfu milli jeqirdu aktar għasafar. Jien meta nisma' sparatura nħoss weġgħa f'qalbi. L-għasafar se jinqerdu darba għal dejjem minn Malta u Għawdex. Tajjeb kieku toħroġ liġi biex min joqtol jeħel multa. Min hu li joqtol l-annimali?**

**Jien naf li darba żewġt itfal kienu ħarqu kelb. L-ewwel qatgħulu mnieħru, imbagħad ħarquh. Meta smajt din l-istorja ħassejtni qalbi sewda. Jien kontra min jaħqar l-annimali.**

**Daphne Xuereb**
**Fgura**

Għażiża Daphne,

Aħna bħalek naħsbuha. L-annimali jixirqilhom imħabba, mhux moħqrija. X'qatt għamlulna l-annimali biex aħna nittrattawhom hekk?!

Liġijiet u multi hemm kieku, imma hemm ħafna li ma jobduhomx, u ħafna li ma jinqabdux.

L-Editur








# Ħbieb Falkuni!

Ir-rebbiegħa daqt magħna! Hemm blonġun żgħir (little grebe) fir-riserva tas-Simar diġà biddel ir-rix bil-lest! Għonqu aħmar, par mustaċċi bojod u dahru iswed ileqq. La tisħon ftit l-Ewropa, ilebbet 'l hemm ħalli jsib post għall-bejta. Il-blonġuni żgħar mhux soltu jqattgħu x-xitwa Malta, imma dawn l-aħħar snin qishom żdiedu tikka.




Bħalissa fis-Simar hemm ukoll vjolin skur (dusky warbler). Dan żgħir ħafna, xi daqs gomma kbira insomma! Din l-ispeċi tgħix eluf ta' kilometri bogħod, eżattament fis-Siberja, u rari ħafna li xi wieħed jasal sa Malta.

B'xorti tajba dawn huma għasafar żgħar u ma jagħtux fil-għajn. U mnalla, għax ara xi ġralhom it-tliet paletti li niżlu l-Għadira. Dawk ukoll huma rari, imma huma wkoll kbar u jidhru. U għalhekk laqqtuha msieken (ara p 3).

Nispera li narawkom l-attivitajiet :-) Saħħiet!

Justin

**Justin Vassallo** ko-ordinatur Falko

## Mixja fil-widien

Data: Il-Ħadd 22 Frar 2004
Niltaqgħu: 7.30am il-Belt jew 8.15am quddiem l-iSplash and Fun (Baħar iċ-Ċagħaq).
Età: FALKO (13+)



## Seawatching iċ-Ċirkewwa

Data: il-Ħadd 29 Frar 2004
Niltaqgħu: 6am il-Belt jew 7.30am quddiem Paradise Bay Hotel
Ġibu tromba, gajd ta' l-għasafar u xi tnaqqru. Sad-9am inkunu lesti.
Età: FALKO (13+)



## Najt Ħajk u SeaWatch

Data: il-Ġimgħa/Sibt 5-6 Marzu 2004
Niltaqgħu: 8pm ir-Rabat ħdejn it-telefon box tas-Saqqajja. Nimxu mixja bil-lejl, u norqdu fejn naslu (lejn l-inħawi tal-Qammieħ). Tined inġibu aħna.
Intom ġibu sleeping bag, ilma u ikel.
Età: FALKO (13+)
IMPORTANTI immens li s-sleeping bag tkun imdaħħla ġo basket li jkun jintlibes mad-dahar, inkella ma timxux komdi.



## Najt Ħajk u Berdwoċing

Data: il-Ġimgħa/Sibt 2-3 April 2004
Niltaqgħu: 8pm ir-Rabat ħdejn it-telefon box tas-Saqqajja Nimxu bil-lejl lejn iż-Żurrieq. Norqdu hemm. Tined inġibu aħna. Intom ġibu sleeping bag, ilma u ikel.
Età: FALKO (13+)
IMPORTANTI immens li s-sleeping bag tkun imdaħħla ġo basket li jkun jintlibes mad-dahar, inkella ma timxux komdi.





**Wieħed mill-iktar għasafar rari fid-dinja bħalissa hu l-IVORY-BILLED WOODPECKER. Għalkemm kien ilu maħsub li nqered sa mill-1951, fl-1986 reġa' ntlemaħ fil-Kuba.**



## Bżżż! Bżżż! Bżżżejjed!

Li kellu l-bajd li tbid dubbienaWAĦDA jibqa' kollu ħaj u jikber u jerġa'jbid, u jibqa' sejjer hekk għal 4 xhur, ikollna total sabiħ ta' 190,000,000,000,000,000,000 dubbiena!!! Nixtieq naf min se joqgħod jgħoddhom...



# terremoti

Elisabeth Conrad

**Fl-aħħar Ħuttafa semmejna l-ħsara li kapaċi tagħmel in-natura permezz tat-temp. Did-darba ħa nħarsu lejn tip ieħor ta' diżastru naturali - it-terremoti! It-terremoti huma diżastri li tagħhom il-bniedem m'għandux l-iċken tort, imma xorta jpatti qares meta jseħħu. Żgur li smajtu bit-terremot li seħħ f'Diċembru li għadda fl-Iran, li qatel mill-inqas 41,000 ruħ u ċċattja belt sħiħa!**

## Xejn ġdid

It-terremoti mhumiex xi ħaġa ġdida, imma ilhom isiru minn mindu bdiet id-dinja! In-nies minn dejjem sofrew l-effetti tat-terremoti. Li hemm ġdid illum hu li l-bini u l-bliet infirxu kważi mad-dinja kollha. Għalhekk it-terremoti tal-lum qed jolqtu l-bniedem ħafna aktar milli kienu fl-imgħoddi.

## Ħakk u ħbit!

Il-qoxra tad-dinja mhijiex biċċa art waħda sħiħa, imma maqsuma f'biċċiet li jissejħu *plates*. Dawn il-plates huma kbar immens, spiss ikopru kontinenti sħaħ. Kultant dawn il-plates jiċċaqalqu u jħokku, jaħbtu jew jirkbu fuq xulxin. Iseħħu minħabba li plate tibda tagħfas ma' oħra u tinħoloq pressjoni kbira. Jekk din il-pressjoni tintreħa f'salt, l-art tiċċaqlaq f'daqqa. L-effett ta' dan iċ-ċaqliq l-iktar li jinħass huwa fit-trufijiet ta' dawn il-plates. Għalhekk ċerti nħawi jintlaqtu b'ħafna iktar terremoti min oħrajn. Eżempju viċin tagħna nsibuh fir-reġjun tal-Greċja u t-Turkija.

## Min ibati l-iktar

F'xi nħawi l-ħsarat tat-terrimoti jkunu ikbar minħabba li l-bini jkun jiflaħ inqas għat-theżżiż. Bliet bħal Mexico City jew San Francisco mhumiex mibnijin fuq art soda ħafna u għalhekk l-effetti ta' terremot ikunu ħafna agħar. F'reġjuni fqar, il-bini jittella' kif ġie ġie, bħal ħafna slammijiet - dawn naturalment jintlaqtu ħażin ħafna mit-terremoti, u jaqgħu ma' l-iċken theżżiża.

It-terremoti s-soltu jseħħu għal għarrieda u jħallu warajhom tifrik totali. Ġeneralment jibdew b'theżżiża qawwija, li warajha jseħħ ċaqliq ieħor - ir-replika. Kultant ir-replika tagħmel iktar ħsara mit-theżżiż prinċipali.



## Mhux biss...

Barra mit-tkissir u t-tifrik, terremot spiss jikkawża wkoll nirien (meta jnixxi gass minn pajpijiet li jkunu nqasmu) nuqqas ta' ilma nadif, nuqqas ta' ikel u apparat mediku, u tixrid ta' mard.

Terremot jista' jikkawża wkoll mostru ieħor distruttiv ħafna: it-*tsunami*. Din tkun mewġa kbira ħafna li tifforma biċ-ċaqliq ta' qiegħ il-baħar. Dal-mewġ jista' jkun 65m għoli. Meta tsunami jasal fuq l-art, tistgħu timmaġinaw il-ħerba li jħalli!

Illum-il ġurnata, f'ħafna postijiet l-inġinerija qed tipprova tikkumbatti l-effetti tat-terremoti billi tibni bini li jiflaħ aħjar għat-theżżiż. Sar ħafna progress f'pajjiżi sinjuri bħall-Ġappun. Imma f'pajjiżi fqar ftit għadu sar progress f'dal-qasam.

# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio




## novembru

Bis-sħana li kellna f'Novembru, ftit kien hawn ċaqliq ta' għasafar. Fuq il-baħar dehru xi qtajjiet ta' borok (l-aktar **silfjuni** u **palettuni**) u **gurlini**. Anke l-gawwi ma deherx fin-numri tas-soltu. Daħlu wkoll rekords ta' **sul** u **mragen**. L-għasafar tax-xitwa żdiedu xi ftit, għalkemm ħafna speċi li s-soltu jkunu komuni, bħall-**psiepes**, baqgħu skarsi. F'xi ġranet kien hawn pases tajbin ta' **mlievez** u pases żgħar ħafna ta' għasafar ta' l-għana. Daħal rekord ieħor ta' **agrett tal-bhejjem**, li huwa rari ħafna, u kellna wkoll rekords ta' **vjolin tal-faxx**. F'Novembru mhux soltu jidhru wisq tajr tal-priża, biss did-darba deher tajr interessanti bħal **astun aħmar**, **bies**, **sparvier** u **seqer ta' denbu**.

## diċembru




F'Diċembru kellna l-ewwel ġranet verament kesħin ta' din ix-xitwa. U meta t-temp jiksaħ sew wieħed jista' jistenna iktar ċaqliq ta' għasafar. Fid-9 tax-xahar dehru iktar minn 200 **grawwa** u xi qtajja ta' **pluvieri**. L-għada ntlemħu mal-100 grawwa oħra. Fuq il-baħar għaddew xi qtajjiet ta' borok, l-iktar **silfjuni**, **kuluverti tas-salib** u **palettuni**. Komplew jidhru spiss xi **sul** u **mragen**, ġeneralment f'waħdiet. Kellna wkoll ftit rekords ta' **ħuttaf** u għasafar tal-plajja, speċjalment mill-Għadira. Fis-Simar u l-Għadira kien hemm għadd ta' **glalez tax-xitwa**, **tiġieġ tal-baħar**, **blonġuni żgħar**, **blonġuni sekondi** u **durrajs tal-qasab**. Mill-Buskett raw **bies** u f'diversi nħawi ntlemħu għadd ta' **spanjuletti**. L-għasafar tax-xitwa ftit li xejn żdiedu mix-xahar ta'qabel, biss f'postijiet xierqa dehru regolarment **bulebbieta**, **żwiemel**, **imlievez**, **buful tal-qamar**, **buful tat-toppu aħmar** u xi ftit għasafar ta' l-għana. Is-sena għalqet tajjeb b'żewġ **ċinji** li daħlu fil-bajja ta' San Tumas.

# SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona

## X'jagħmlu fix-xitwa?

Ħafna nies jaħsbu li fix-xitwa l-insetti kollha jmutu! Imma mhux veru - hemm insetti li jmutu u hemm dawk li jibqgħu ħajjin. Dawk li jmutu huma bħal ftit mill-ġurati, ċertu dubbien ecc.

L-insetti jużaw ħafna strateġiji biex jgħixu fix-xitwa. Waħda minnhom hija l-passa. Fost insetti li jpassu hemm il-friefet, xi ġurati kbar u xi ħanfus ukoll. Ġeneralment id-direzzjoni tkun min-nofsinhar għat-tramuntana.

L-insetti illi jibqgħu Malta jqattgħu x-xitwa bħala bajd, larvi (frieħ) jew pupi. Dawn jinstabu f'ħafna postijiet. Id-debba tax-xitan tbid il-bajd taħt il-ġebel u tiksihom bi speċi ta' sponza li tipproteġihom mir-riħ u xita.

Il-larvi tal-ħanfus jgħaddu x-xitwa mkebbin f'weraq jew għall-kenn taħt il-ħamrija.

L-adulti jagħmlu 'diapause' illi qisha hibernation. Ma' l-ewwel sinjali ta' kesħa jibdlu l-imġiba tagħhom. Jibdew jaħżnu l-ikel ħalli jkollhom ħafna enerġija għax-xitwa, u ċertu żunżan li jieklu n-nektar tal-fjuri jibdew jieklu ukoll insetti oħrajn!



In-nannakoli jinġabru f'numri kbar u jistkennu ġo xi ħofra li jsibu. Anke xi naħal u żnażan ifittxu jew jagħmlu ħofor fis-siġar biex jistkennu fihom.

Meta toħroġ xi ġurnata xemxija fix-xitwa, xi insetti jqumu u joħorġu mill-moħba tagħhom biex jixxemxu jew jieklu, oħrajn jibqgħu reqdin sa staġun ieħor. Dan jindunaw bih mill-bdil fit-temperatura u mill-ħin ta' dawl tal-ġurnata.

## ĦUTTAFA TAS-SENA



Ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa għandkom issibu wkoll il-**KartaPunti** tal-Ħuttafa tas-Sena 2004. Dik żommuha, u kull darba li tiddubbaw stikers bil-punti, waħħluhom fiha sa ma tgħaqqduha kollha...




Isem: **Wild and Free** - Animal stories
Orion Children's Books 1997

## Annimali protagonisti

Poni taċ-ċirku li qatt ma jfittex il-libertà għax ma jkunx jaf ħajja aħjar; kelb li jispiċċa bla sid u donnu ma jistax isib postu; qattus li tant hu mdorri jkun ir-re tad-dar li jsibha bi tqila jaċċetta annimali oħrajn fid-dar; kastru qalbieni li jirnexxielu jaħrab mill-kaċċaturi u jipproteġi lis-sieħba tiegħu... Dawn il-ġrajjiet u oħrajn dwar l-annimali ssibuhom fdan il-ktieb. L-istejjer miktubin minn awturi differenti, u fihom l-annimali jingħataw kwalitajiet umani bħal qlubija, għira, fsied, biża' u mqarberija. B'hekk aħna nħossuna aktar viċin ta' l-annimali li madwarhom iddur l-istorja.

Janet Gerardi

**AVVIŻ** mingħand **BUFULA SEWDA**, **KUDIRROSS ISWED**, **PITIRROSS** u **GĦASFUR TAL-BEJT**



"Jekk għandkom minn dawn il-qagħaq li forsi ma triduhomx, aħna nużawhom ħafna! Oħorġuhomlna fuq il-bird table, u naċċertawkom li ma jdumux hemm! Jekk tfarrkuhomlna tiffrankawlna l-ħin!"

**Grazzi!**



żur il-websajt tagħna... **www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **punti fil-Ħuttafa tas-Sena**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fil-Klabb...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________
postcode ______________________
Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________
postcode ______________________
Membership number ____________ Telefon ____________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ
Tista' tissieħeb onlajn mill-websajt tal-BirdLife fuq **www.birdlifemalta.org** u tikklikkja JOIN NOW

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Ribena

# SPOT THE DIFFERENCE COMPETITION

## There are 6 differences for you to find!






## FUN PACKED FOR THIRSTY KIDS ON THE GO

Ready to drink RIBENA that's bursting with Vitamin C goodness
No artificial Colour, Flavour or Sweetener

Xarba tajba u sustanzjuża b'togħma tal-blackcurrant hi r-RIBENA. Minħabba li l-ġisem ma jipproduċix Vitamina C, għandna bżonn insibu sorsi differenti ta' din il-vitamina, li hi tant bżonjuża għalina lkoll.

ISEM: ____________________

INDIRIZZ: ____________________

____________________

Immarka d-differenzi u ibgħatu l-pagna lil-Kompetizzjoni Ribena, Simonds Farsons Cisk plc. Notabile Road, Mriehel BKR 01

**Ribena fiha tlett darbiet aktar Vitamina C mil-larinġ!**